


Proċedura rapida tal-Parlament biex jiġi adottat Ċertifikat Aħdar Diġitali sa Ġunju



Iċ-Ċertifikat Aħdar Diġitali għandu l-mira li jiffaċilita l-moviment sigur u ħieles matul il-pandemija tal-COVID-19 ©AFP/Filippo MONTEFORTE

Biex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni tiegħu sas-sajf, il-MPE ddeċidew li jaċċelleraw l-approvazzjoni taċ-Ċertifikat Aħdar Diġitali, li jippermetti moviment sikur u liberu matul il-pandemija.

B'468 vot favur, 203 kontra u 16-il astensjoni, il-MPE appoġġaw l-użu tal-proċedura ta' urġenza ([l-Artikolu 163](#)), li tippermetti skrutinju parlamentari aktar rapidu tal-proposti tal-Kummissjoni, filwaqt li jiġu rrispettati bis-siġħ il-prerogattivi demokratiċi tagħha.

Matul [id-dibattitu fil-plenarja](#) nhar l-Erbgħa, maġġoranza kbira ta' MPE appoġġaw il-ħolqien rapidu ta' Ċertifikat Aħdar Diġitali, li għandu l-għan li jiffaċilita l-moviment liberu u sikur fl-UE matul il-pandemija tal-COVID-19. Skont il-proposta tal-Kummissjoni, dan jista' jinkludi informazzjoni dwar jekk vjaġġatur tlaqqamx kontra l-COVID-19, riżultat ta' test tal-COVID-19, u informazzjoni dwar l-irkupru minn infezzjoni tal-COVID-19. Diversi kelliema enfasizzaw il-ħtieġa li jkun hemm salvagwardji b'saħħithom għall-protezzjoni tad-data dwar id-data personali u medika, u enfasizzaw li dawk li ma tlaqqmux m'għandhomx jiffaċċjaw diskriminazzjoni.

Il-passi li jmiss

Il-plenarja ser tadotta l-mandat tagħha għan-negozjati mal-Kunsill, li jista' jinkludi emendi għall-proposta tal-Kummissjoni, matul is-sessjoni plenarja li jmiss (26–29 ta' April). Bħala l-kumitat li jmexxi dan il-fajl f'isem il-Parlament, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili jista' jitlob li l-fajl jerġa' lura, sabiex jinb dew it-taħditiet. L-eżitu tan-negozjati fost il-koleġislaturi se jkollu jiġi approvat kemm mill-Parlament kif ukoll mill-Kunsill.

Sfond

Fis-17 ta' Marzu, il-Kummissjoni ressqet proposta għal Regolament dwar Ċertifikat Aħdar Diġitali biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu fl-UE — [2021/0068 \(COD\)](#) u proposta li takkumpanjahha dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew jirrisjedu legalment fl-UE ([2021/0071 \(COD\)](#)).

Għal aktar informazzjoni

[Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern](#)

[Fajl tal-proċedura dwar iċ-Ċertifikat Aħdar Diġitali — Ċittadini tal-UE](#)

[Fajl tal-proċedura dwar iċ-Ċertifikat Aħdar Diġitali — Ċittadini ta' pajjiżi terzi](#)

[Iċ-Ċentru Multimedjalital-PE: ritratti, vidjo u materjal awdjo bla ħlas](#)

Kuntatti

Polona TEDESKO

Press Officer

☎ (+32) 2 28 40731 (BXL)

☎ (+32) 470 884 282

✉ polona.tedesko@europarl.europa.eu

✉ libe-press@europarl.europa.eu

🐦 [@EP_Justice](https://twitter.com/EP_Justice)
